MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1123/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**DR ELAINE DESIRA**

**(ID: 127881M)**

**DR**

**RITIENNE DEBONO**

**(ID: 294978M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **DR ELAINE DESIRA** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 127881(M) u **DR RITIENNE DEBONO,** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 294978(M) gew akkuzati talli:

Fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Frar 2005 gewwa l-isptar San Luqa fi Gwardamangia, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kienu qed jamministraw medicina lill-pazjent fl-istess sptar, ikkagunaw il-mewt ta' Sagid Iisraquay Tegualde li kien refugjat fil-Barraks ta' Hal Safi.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom zewg estratti mill-att tat-twelid tal-imputati, zewg fedini penali u l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar il-15 ta' Dicembru 2009 (fol. 30) u rat illi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li dan il-kaz jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza fuq riferita u dan waqt l-ezami li sar liz-zewg imputati nhar it-13 ta' Novembru 2013 (fol. 9 u 10).

**Robert Bugeja** xehed fit-13 ta' Novembru 2009 ghan-nom tar-Registratur tal-Qorti esebixxa nota ta' l-Avukat Generali kif ukoll nota tal-Kumissarju tal-Pulizija u Process Verbal redatt mill-Magistrat Inwkirenti Dr. Silvio Meli dwar klandestin li kien qed jghix fil-barracks ta' Hal Safi, bl-isem ta' Sagit Iisraqay

Tegwalde li kien ibaghti minn attakk akut ta’ l-azma u jmut wara li dahhal l-isptar San Luqa nhar is-6 ta’ Frar, 2005. Din in-nota ta’ l-Avukat Generali flimkien man-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Process Verbal gew esebiti u mmarkati Dok. RB1.

Rat dak li gie verbalizzat nhar it-13 ta’ Novembru 2009 fejn din il-Qorti diversament preseduta ikkonfermat in-nomina tal-esperti nominati fl-inkjesta u ghamlithom taghha tul din il-kumpilazzjoni.

**Joseph Abdilla** xehed fit-13 ta’ Novembru, 2009 fejn iddikjara li fis-sitta ta' Frar 2005 kien surgent fil-korp tal-Pulizija u li llum huwa rtirat. Jghid illi fis-sitta ta’ Frar 2005 ghal habta tas-siegha ta’ fil-ghodu gie nfurmat minn PS 768 Silvio Brincat li dak il-hin kien stazzjonat l-ghassa l-Hamrun li huwa kien gie nfurmat mill-isptar San Luqa illi kien miet xi klandestin. Izid jghid illi s-surgent informa lilu ghaliex il-klandestin li kien miet qabel dahal l-isptar kien residenti Hal Safi. Illi mbaghad il-kaz gie mahdum mill-ghassa ta’ Zurrieq. Illi hu mbaghad informa lill-Ispettur Joseph Agius dwar il-kaz li dak iz-zmien kien qieghed ilahhaq ukoll iz-Zurrieq.

In kontro-ezami  jghid illi hu ma jaf xejn b’dak li kien gara l-isptar.

**Silvio Brincat** xehed fit-13 ta’ Novembru, 2009. Jghid illi hu kien ex Maggur 768 fil-korp tal-pulizija u llum irtirat. Jghid illi fid-data tas- sitta ta’ Frar 2005 hu kien surgent tal-pulizija u kien stazzjonat l-ghassa tal-Hamrun. Jghid illi ghal habta ta’ nofsillejl u ghaxra (12:10am) tas-sitta ta’ Frar 2005 hu kien gie nfurmat mill-*control room* u precizament minn WPC 134 Doreen Balzan li hija kienet giet

infurmata minn PC 521 Jesmond Flazon li kien *fixed point duty* ma' klandestin bl-isem ta' Sagit Israqay Tegwalde li dan kien miet fis-sala M8 fl-isptar San Luqa. Huwa kellem lil SRN Romina Grech, personalment u wara acceda l-isptar San Luqa. Hija nfurmatu li din il-persuna in kwistjoni li kienet mietet kienet dahlet l-isptar fl-4 ta' Frar 2005 ghall-habta tas-sebgha neqsin hamsa (6:55pm) u mietet fis-6 ta' Frar 2005 f' nofsillejl u ghaxra (12:10am). Hija ziedet tghidlu li din il-persuna kienet tbaghti minn *shortness of breath* u kellu wkoll it-Tuberkolozi u kien jaqa' taht il-konsulent il-Professur Louis Buhagiar. Hu nforma lill-Ispettur Joseph Agius fejn huwa kompla l-investigazzjoni minn naha tieghu.

Jghid illi huwa nforma wkoll lill-Bumbardier 86390 Joseph Galea f' Safi Barracks dwar dak li gara, kif ukoll lil Joseph Abdilla tal-ghassa taz-Zurrieq. Hu kien dahhal ukoll okkorrenza li esebixxa u din hija ffirmata wkoll minnu u tinsab inserita fl-atti a fol. 19 immarkata bhala Dok BS1.

In kontro ezami jghid illi hu ma kienx gie nfurmat rigward vjolenza li l-pazjent kien wera meta kien ghadu haj lejn l-istaff. Izda jghid li f'dawn il-kazijiet ikun hemm pulizija *fixed point* u dakinhar kien hemm PC 521. Jghid illi dan il-pazjent kellu pulizija mieghu ghaliex kien klandestin u ma kienx gej minn *open centre*.

**Spettur Joseph Agius** xehed fit-13 ta' Novembru, 2009. Spjega li dakinhar tas-sitta ta' Frar 2005 huwa kien gie nfurmat mill-Ex Maggur Joseph Brincat li kien miet klandestin ta' nazzjonalita Eritreja bl-isem ta' Sagit Israqay Tegwalde li kien dahal l-isptar San Luqa jsofri minn attakk ta' azma u wara li nghata d-doza ta' valium huwa kien miet ftit wara.

Illi l-kawza tal-mewt ma kienetx giet iccertifikata. Hu flimkien mal-Maggur bdew l-investigazzjonijiet taghhom u rrizulta li l-Eritjan dahal Malta t-tieni darba fis-17 ta’ Settembru 2004 bhala immigrant illegali fejn kien tkecca minn Malta xi zmien qabel u din id-darba kien gie mizmum fil-barracks ta’ Hal Safi.

Irrizulta li din il-persuna kienet ilha tbati minn attakki ta’ l-azma ghal dawn l-ahhar hames snin. Fit-28 ta’ Dicembru 2004 kien iddahhal l-ewwel darba l-isptar San Luqa. Hu kien rega’ dahal fil-5 ta’ Jannar 2005 biex jinghata kura kontra t-tuberkolosis.  Fit-28 ta’ Jannar 2005 huwa dahal mill-gdid l-isptar ibaghti minn attakk iehor ta’ l-azma. Minn aktar investigazzjonijiet li saru fic-centru ta’ detenzjoni ta’ Hal Safi rrizulta li fit-3 ta’ Jannar 2005, huwa kien sofra minn attakk qawwi ta’ l-azma u gie msejjah tabib mill-poliklinika ta’ Rahal Gdid fejn irreferih ghall-isptar. Sagit kien vjolenti u rrifjuta li jitla’ fl-ambulanza, u wara li baqghu jithabtu mieghu biex forsi jmur l-isptar  hu baqa’ vjolenti, u rega’ ttiehed f’kamartu. Fl-4 ta’ Frar 2005 shab Sagit marru ghand is-suldati jirrapurtaw li huwa rega’ kellu attakk qawwi ta’ l-azma u din id-darba wara li rah it-tabib tal-poliklinika, ittiehed l-isptar b’ambulanza ghall-kura fis-sala M8 taht il-kura tal-konsulent Dr. Louis Buhagiar.

Aktar tard gie ezaminat minn Dr. Elaine Lauria peress illi dan kellu qtugh ta' nifs u kien qieghed jeghreq u kien ukoll aggressiv u beda jirrifjuta li jigi ezaminat. Peress illi l-allegat vittma ma hallihiex tezaminah Dr. Elaine Lauri, cemplet lil SHO (Seniur House Officer)  taghha Dr. Ritienne Debono fejn spjegatilha l-kundizzjoni tal-pazjent u Dr. Elaine Debono taghtha parir tamministra lill-pazjent valium 5mg, u kellha tezamina lill-pazjent aktar tard meta jikkalma, kif filfatt hija ghamlet fid-disgha u nofs ta’ filghaxija (9.30pm).

Iktar tard Dr. Ritienne Debono ikkuntattjat lil Dr. Elaine Lauri u wrietha l-kundizzjoni tal-pazjent u din taghtha parir biex tigi rrepetuta d-doza tan-nebulized ventolin atrovent. Hawn hekk il-kundizzjoni tal-pazjent zdiedet ghall-aghar u fil-hdax u nofs u hamsa ta' bil-lejl (11.35pm) il-pazjent tah attakk f'qalbu u f'nofsillejl u ghaxra ta' bil-lejl (12:10am) huwa miet.

Huwa hawnhekk informa lill-allura Magistrat tal-Qorti Dr. Silvio Meli fejn ordna nkjesta Magisterjali u nnomina fost esperti ohra lil Dr. Mario Scerri u lil Profs. JM Ciaccatolo bhala esperti medici. Innomina wkoll lil Dr. Maria Therese Camilleri u lil Dr. Ali Stafraz biex jaghmlu awtopsja fuq il-vittma.

Mir-rizultat tal-inkjesta rrizulta li l-pazjent miet b'rizultat ta' *collapsed lung and intra pulmunary leakage u bronchial athsma.* Hu kien prezenti fl-inkjesta pero' stqarr li peress li ma jifhimx fil-medicina certu mistoqsijiet hallihom lill-esperti.

Dr Elaine Lauri bil-gurament qalet li l-pazjent ma hallihiex tezaminah u lanqas biss halliha tmisslu dahru. Kien vjolenti, kien difficli li tikkomunika mieghu. Hija dahlet fil-*past history* tieghu fejn sabet li kien ibaghti bl-azma u li kien dahal l-isptar diversi drabi. Hija ghalhekk cemplet lil SHO Dr. Ritienne Debono sabiex tiehu parir minghandha. Hi xtaqet li kieku Dr. Ritienne Debono setghat tigi tara lill-pazjent. Izda din kienet qieghda f'sala ohra, ghalhekk l-unika haga li setghat taghmel kienet li tordnalu 5mg Valium u li jerga' jigi invistat meta jikkalma.

Dr. Elaine Lauri kienet taf li ma tistax tigi amminstrata Valium meta l-pazjent ghandu attakk ta' azma u ghalhekk ghall-ewwel kienet ser taghtih 2.5mg izda mbaghad qalet, *"jien ha mmur kontra li qalet ta' fuqi*?" Ghalhekk obdiet u taghtu 5 mg valium. Hija qalet li l-SHO baqghet ma nizlitx tezamina l-pazjent u ghalhekk regghet cemplitilha, izda din regghet ordnatilha biex tirrepeti l-ventolin u l-atrovent u biex izzommu fuq l-ossignu.

Mix-xhieda ta' Dr Ritienne Debono, hija qalet li rceviet telefonata minghand Dr. Elaine Lauri fejn giet infurmata li hemm pazjent fis-sala M8 li kien qed ibaghti min ugiegh f'sidru u li kien daqsxejn aggressiv. Hija staqsiet lil Dr. Elaine Lauri minn x'hiex kien qed ibaghti u wegbitha li kien azmatiku u kellu t-TB. Hija kien jidhrilha li Dr. Elaine Lauri kienet qaltilha li kellu *weazing* f'sidru u li kien aggressiv tant li kien ta' periklu kemm ghalih u kemm ghal haddiehor.

Dr. Ritienne Debono stqarret ukoll u kkonfermat li tat struzzjonijiet lit-tabiba Lauri biex taghtih 5mg valium peress li dak il-hin kienet qed tara pazjent iehor u ma setghetx tinzel tarah. Ghalkemm fil-file ta' l-isptar ma hemm l-ebda records, Dr Ritienne Debono qalet li kienet nizlet tara l-pazjent xi saghtejn wara. Jista' jkun li hija nsiet tikteb fil-file tar-records dwar dan l-ezami.

X'hin ezaminat il-pazjent, qallha li kellu *chest discomfort* u ghalhekk regghet ordnatlu voltaren u l-atrovent nebulizer. Hija marret fuq xoghol iehor u meta regghet nizlet biex tara l-pazjent dan kien diga mejjet.

Illi l-Magistrat ta' Ghassa kien innominat lil Dr Mario Scerri flimkien mal-Professur Joseph Cacciottolo sabiex flimkien jezaminaw il-medical history file

tal-imsemmi Sagit Israqa Tegwalde, jisimghu x-xhieda jaghmlu l-konstatazzjonijiet relevanti u jirrelataw dwar il-mewt ta' Sagit Israqa Tegwalde waqt li dan kien rekoverat l-isptar San Luqa nhar is-6 ta' Frar 2006.

Illi l-Professur Joseph Cacciottolo flimkien ma' Dr Mario Scerri kienu dehru quddiem il-Magistrat Inkwirenti u pprezentaw ir-relazzjoni taghhom li gharfu fl-atti esebita u mmarkata bhala Dok JMC. Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-periti medici kkonkludew is-segwenti-

1. "*Illi ma hemmx xejn x'jindika illi Dr Debono rat il-pazjent darbtejn. Jghidu li Dr Debono fil-fatt rat il-pazjent wara l-hdax ta' bil-lejl fejn hemm hi ordnat urgent arterial blood gases liema investigazzjonijiet kellhom jigu ordnati mill-ewwel.*

*2. Illi dwar dan l-esponenti nnotaw illi ma jirrizultax minn noti dettaljati ta' Dr Lauri fil-medical history file illi Dr Debono tatha parir fid-9.00pm sabiex tiehu arterial blood gasses tal-pazjent. Dawn fil-fatt ittiehdu meta l-pazjent iddeterjora tant li kien in extremis.*

*3. Illi fil-fehma taghhom Dr. Debono naqset bil-kbir illi tinzel tassisti hi personalment lil Dr. Lauri meta specjalment l-esponenti jikkonsidraw illi Dr Debono kienet konxja li Dr. Lauri kienet ghadha tabiba friska u kellha diffikolta u dubji dwar il-management tal-kaz.*

*4. Illi aktar u aktar it-tabiba Debono naqset bi kbir billi tat ordni lil Dr. Lauri fuq it-telefon biex tamministra Valium I/V f'pazjent li jbati minn bronchial asthma minghajr ma hi stess ezaminat lill-pazjent.*

*5. Illi fil-fehma taghhom ghalkemm Dr Lauri agixxiet fuq il-parir tas-Senior House Officer taghha u kienet taf bil-kontra indikazzjoni hija ma kienet bl-ebda mod obbligata illi taghmel dak illi qaltilha Dr Debono u bhala tabiba setghet jew ma tamministra xejn jew tapplika pressjoni fuq Dr Debono sabiex tamminsitraha hi stess. Kellha wkoll soluzjoni ohra cioe' dik li tirrikorri ghand il-konsulent Mediku.*

*6. Illi skond il-fehma taghhom Dr Lauri imxiet fuq l-parir tas-Senior taghha ma kienet bl-ebda mod obbligata li tobdi anzi kienet fl-obbligu li fid-dawl ta' dan id-dubju serju li kelha tinforma lill-konsulent taghha jew ghall-inqas lil xi senior imsemmi hawn fuq.*

*7. Illi min naha taghha Dr Debono naqset bi kbira kemm professjonalment kif ukoll etikament illi ma nizlitx tezamina l-pazjent meta Dr Lauri talbitha l-ghajnuna u li ordnat fuq it-telefon sustanza li hi kienet taf illi kienet kontra ndikata f'kazijiet ta' bronchial asthma.*

*8. Illi fil-fehma taghhom Sagit Israqay Tegwalde kien konfuz minhabba l-attakk ta'asthma seta' pprecipita l-konfuzjoni u l-aggressivita imsemmija minhabba kemm nuqqas ta' ossignu u kemm minhabba livell gholi ta' carbon dioxide fid-demm u ghalhekk dan kellu bzonn attenzjoni, investigazzjonijiet u*

*management aggressiv immedjat u certament mhux amminsitrazzjoni ta' medicina li tikkalma lill-pazjent.*

*9. Finalment l-esponenti kkonkludew illi f'dan il-kaz sar mismanagement serju li l-amministrazzjoni ta' 5mg Valium I/V kkontribwixxa ghall-mewt ta' Sagit Israqay Tegwalde*."

**Professur Joseph M. Cacciattolo MD** xehed fis-16 ta' Dicembru, 2009. Muri dokument DOK. JMC jghid li hija r-relazzjoni kongunta tieghu li tinsab a fol. 68 tal-Process Verbal sa fol 97 u liema relazzjoni tinsab gewwa l-imsemmi Process Verbal li huwa esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala RB 1. Jikkonferma li din hija r-relazzjoni taghhom li huwa ghamel flimkien ma' Dr Mario Scerri u jikkonferma wkoll li m'ghandux xi jzid jew inaqqas minn din ir-relazzjoni.

Jghid illi parti mill-inkarigu moghti lilhom mill-Magistrat Inkwirenti kien illi jisimghu wkoll liz-zewg tobba li llum huma mputati fil-kawza odjerna dwar x'kien gara.

Irrizulta li l-pazjent kien ibaghti minn asthma severa u dahal kemm il-darba l-isptar. Jghid illi ghall-ewwel il-pazjent kien sejjer tajjeb pero' mbaghad fil-ghaxija kien inqala' xi problema u n-*nurse* cemplet lit-tabiba Dr. Elaine Desira nee Lauri. Mill-informazzjoni moghtija jidher li l-problema kienet fuq xi qtugh ta' nifs, pero' il-pazjent kien ukoll aggressiv tant li ma kienx halla lit-tabiba tezaminah. Izda mbaghad it-tabiba kienet ezaminat lil pazjent fid-disgha ta' fil-ghaxija. Jghid illi t-tabiba kienet imbaghad infurmat lis-senior taghha Dr. Ritienne Debono b'li gara.

Skont ix-xhieda li semghu minn Dr. Lauri din kienet tat id-dettalji kollha tal-kaz lill-imsemmija senior taghha. Osservaw ukoll li dak li qalet Dr. Lauri fix-xhieda taghha kien jaqbel perfettament ma dak li kienet nizzlet fil-*history notes* tal-kaz. Qalet li hija xtaqet li s-senior taghha tinzel tara lil pazjent izda hi kienet wegbitha li ghandha x'taghmel u qaltilha tamministra 5mg valium inter venous u li mbaghad wara kienet ser tmur tezamina lill-pazjent hi stess.

Hija kkonfondiet ghaliex taf illi l-valium f'kundizzjonijiet ta' *bronchial asthma* jkun kontro indikat u fil-fatt quddiemhom xehdet Dr. Lauri li kienet sejra taghtih nofs doza ghall-inqas. Imbaghad hi zieded tghidilhom li hi rragunat illi kienet is-senior taghha li qaltilha biex taghmel hekk u allura ddecidiet li taghtihielu kollha.

Wara li amministratlu din id-doza hija marret tkompli fuq xoghlha. Jirrizulta li Dr. Lauri ma kienetx hadet *blood tests* tal-pazjent. Dawn kienu investigazzjonijiet bazici u minhabba f'hekk il-pazjent kien sar aggressiv.

Aktar tard regghat marret tezamina lill-pazjent u regghat ikkonsultat mal-SHO taghha. Ghal darb'ohra l-SHO taghha qaltilha biex tamministra l-istess doza, allavolja hija kienet qaltilha li l-pazjent kien diga' ha din id-doza. Jghid ukoll li l-pazjent kellu tuberkolosi, izda din hija xi haga komuni meta tara l-pazjent minn fejn kien gej. Apparti minn hekk m'hemmx prova li kellu tuberkolozi attiva pero' xi xhur qabel kien inghata t-*treatment* bhala skop preventiv ghat-tuberkolozi.

Illi jinghad li l-Professur Joseph Cacciottolo xehed flimkien ma' Dr Mario Scerri pero' in kontro-ezami Dr Mario Scerri jghid meta kien qed jaghmel ir-relazzjoni tieghu sab certu problemi u konsegwentement xtaq illi jkun hemm nominat chest expert biex ikunu jistghu jahdmu flimkien u kien ghalhekk li gie nnominat Profs. Cacciattolo. Dr Scerri jikkonfema li fil-fatt kien anke attenda l-awtopsja.

Mistoqsija jekk jafux li kien hemm xi nies rikoverati l-*casualty* dakinhar jghid li dak ma kienx il-kompitu taghhom. Jghid ukoll illi l-ordni li huma jkunu nghataw f'dan il-kaz kien li jelevaw il-*medical file* tal-*history* tal-pazjent u dan baqa' fil-kustodja taghhom sakemm eventwalment gie pprezentat flimkien mar-relazzjoni taghhom il-Qorti.

**Dr. Mario Scerri** xehed fl-4 ta' Lulju, 2013 fejn qal illi meta gie muri d-dokument MS 3 mahrug mill-ispecial branch tal-identita' dwar persuni, huwa ndika din il-persuna bl-isem Sagid Israquay Tegualde ta' nazzjonalita' Eretjana, mill-Eritrea, u hemm isem missieru, ommu, post tat-twelid u meta twieled fin-1960 bhala l-istess persuna li dwarha kien ipprezenta r-relazzjoni tieghu fuq inkarigu moghti lilu mill-Magistrat Inkwirenti.

Jghid li fir-rigward l-identita' tal-persuna li huwa ra waqt l-awtopsja din hija l-istess persuna murija fir-ritratti tal-ispecial branch fid-dokument immarkat bhala Dok MS3.

Jghid li ma jafx li fil-kamra mortwarja kien hemm xi problemi ta' identifikazzjoni. Jghid li l-persuna hija ta' persuna kbira. Jghid li jara hafna katavri ta' immigranti li jixtibhu pero' huwa cert minn dan li ra.

Jghid illi huwa flimkien mal-Professur Cacciottolo kienu ghamlu d-domandi lill-imputati wkoll. Jghid li l-imputati ma kellhomx cans jikkonsultaw ma' avukat qabel ma gew mitkellma minnhom u spjega li dak iz-zmien il-ligi kienet tesigi biss li taghti *caution* lix-xhud u hekk ghamlu.

**PC 521 Jesmond Falzon** xehed fis-16 ta' Dicembru, 2009. Jghid illi fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Frar 2005 hu kien qieghed *fixed point* ma' wiehed klandestin illi bhala isem ma jafx min kien, izda jista' jiddeskrivih bhala ragel kbir. Gie muri fol 38 u 39 tar-relazzjoni Dok MX1 tal-esperti medici li qieghda nserita fil-Process Verbal Dok. RB1 u jghid li f'dawn iz-zewg faccati jidher ritratt ta' persuna u jghid hu kien *duty* maghha.

Jghid illi meta kien *duty* mieghu hu kien ha *over* mill-kollega tieghu li ma jafx x'jismu izda kien pajzan. Jghid li hu kellu jidhol hdejn il-pazjent, billi jilbes maskla u ingwanti ghaliex il-pazjent kien marid serjament. Jghid li beda jinnota li wara xi nofs siegha li kien *on duty*, il-pazjent kien mugugh. Dan beda jippassiggja 'l hawn u 'l hemm. Jghid ukoll illi sab il-pazjent ma kienx kwiet pero' lanqas kien ghadu fi stat panikuz pero' iktar ma jghaddi l-hin, il-pazjent aktar beda jippanikja. Jghid illi l-pazjent beda jghajjat ghal tabib diversi drabi u li kull **nurse** li tigi bdiet tghidlu li t-tabib qal li daqt kien sejjer. Jghid illi sa siegha u nofs li hu kien *fixed point* it-tabib kien ghadu ma giex.

Jghid illi hu ma jarafx id-differenza bejn tobba u nurses u ghalhekk jghid illi dawk li gew jaraw il-pazjent u kienu libsin ilbies abjad, ma jafx jekk kienux

tobba jew nurses. Jghid ukoll li mhux f'posizzjoni li jghid jekk xi hadd minn dawn in-nies hux prezenti ghaliex ma jiftakarx l-ucuh.

Jghid li f'hin minnhom il-pazjent tant kien panikuz li pprova jkisser il-bieb tal-kamra fejn kien qieghed, izda hu rnexxielu jikkalmah u jikkonvincih ipoggi bil-qieghda. Jghid illi l-pazjent kien mugugh hafna u kellu problema biex jiehu n-nifs u li aktar ma beda jghaddi l-hin il-problema bdiet tikbirlu. Jghid illi hu ikkonvincieh joqghod bil-qieghda, izda dan filli kien aggressiv u f'daqqa wahda qaghad wiccu l-isfel qisu mitluf minn sensieh.

Jghid illi hu mar jigri jghid lin-nurses lill-pazjent ma baqghax jiccaqlaq, dak il-hin gew in-nurses u jikkonferma illi dak il-hin kien gie tabib ukoll. Jghid illi ghalih il-pazjent man-nies medici prova jikkopera.

Jghid illi n-nies medici qalbu l-pazjent lura wiccu 'l fuq u flimkien ma' nies ohra amministraw CPR fuqu fil-waqt li nghata wkoll xi injezzjonijiet u dan kollu dam ghal xi tlett kwarti. Jghid illi wara gie nfurmat li l-pazjent kien miet.

In kontro ezami jghid illi fost dan il-grupp ta' medici kien hemm tabib ragel u nurse ragel li amministrawlu CPR u hu kien l-uniku pulzija li kien prezenti. Xogholu kien biss li l-pazjent ma jahrabx, u li dakinhar kien hemm persuni ohra izda mhux fl-istess kamra.

Jghid li hu dahal *fixed point* mal-pazjent fid-disgha neqsin kwart ta' filghaxija (8.45pm) u li l-parti sostanzjali tal-hin kien aggressiv, il-pazjent gie ddikjarat mejjet wara li kienu daqqu nofs il-lejl (12.00am).

Jghid illi l-unika relazzjoni bejnu u bejn il-pazjent kienet li beda jghajjat ghan-nurses, u hu beda jghajjat mieghu ghall-assisenza.

L-unika aggressivita' fejn kellu jintervjeni kienet, meta l-pazjent ipprova jkisser il-bieb tal-kamra. Il-bieb kien tal-hgieg allura ried jara li l-bieb ma jinkisirx. Jghid li dak il-hin kienu huma biss, u li meta kien hemm in-nies medici l-pazjent ma kienx aggressiv. Il-bieb tal-kamra kien jinzamm dejjem miftuh u ghalhekk meta kienu jigu n-nies medici hu seta' jara x'kien qieghed jigri.

**L-Ispettur Joseph Agius** xehed fl-24 ta' Marzu 2010, jghid illi fuq it-talba ta' l-Avukat Generali hu mar jigbor ic-certifikat tal-mewt tal-vittma u ghal Pulizija dan il-pazjent dejjem kien Sagid Segwei Desguardo u meta mar jigbor ic-certifikat tal-mewt sab li kien gie rregistrat fuq isem differenti.

Illi meta mar ghand il-Monsinjur Philip Calleja biex jiccara l-affarijiet dana kien urih xi dokumenti fosthom ir-rendikont tal-ispejjez tal-funeral li hareg fuq Sagid Israquay Tegualde izda mir-Refugee Commission fil-fatt kien Sagid Ubalded Sagrei u gie c-certifikat tal-mewt tieghu fuq dan l-isem. Ghalhekk talab lil Monsinjur Philip Calleja jitla' jixhed u jghid jekk din hix l-istess persuna tal-process.

**Monsinjur Philip Calleja** xehed fl-24 ta' Marzu 2010, jghid illi in kwantu l-isem tal-persuna li mietet fis-6 ta' Frar 2005 li mietet gewwa l-isptar San Luqa, Pieta' l-isem li huwa ghandu fil-file huwa ta' Segid Ukubaldet Zeray li huwa mill-Eritrea u li dana dahal Malta fis-17 ta' Settembru 2004. Huwa kkonferma li dan kien applika ghal istatus ta' refugjat u kien intervistat mill-Kummissarju tar-Refugjati. Jghid li meta' sar jaf li kien miet hu beda proceduri normali ghad-difna tieghu.

Jghid illi kkuntatja lil mart il-mejjet biex tkun tista' issir id-difna. Wara li saru dawn il-kuntatti li kellu bzonn risposta biex ikun jista' jidfnu mxew ghal funeral. Esebixxa kopja tac-certifikat tal-mewt li gie esebit u mmarkat bhala DOK PCM 1 u certifikat tal-mewt iehor bhala DOK PCM 2. Jinnota li l-isem tal-mejjet huwa l-istess u jigifieri Sagid. L-eta' wkoll hija l-istess jigifieri 45 sena u n-nazzjonalita' hija l-Eritrea, huwa klandestin, kien qieghed Safi Barracks u d-data tal-mewt tieghu hija l-istess ukoll.

Ikkuntatja lil Gvern ghaliex kellu bzonn l-awtorizzazzjoni ghad-difna. Din il-persuna indifnet fil-qabar tal-Kummissjoni tal-Immigranti tar-Refugjati u aktar tard il-familja tal-mejjet talbet li dan kien jigi ezumat u jittiehed l-Eritrea.

Jghid illi wara li sar dak kollu possibli ttiehed l-Eritrea. Jghid illi hu kien gie nfurmat li din il-persuna mietet pero' ma kienx jaf ezatt min kien qallu. Izda kien sar xi kuntatt mill-Brigadier Vassallo ghaliex il-mejjet kien Hal Safi, u jghid li l-persuna kien raha, izda mejta.

Qieghed jesebixxi dokumentazzjoni li jikkonsisti f'faccata wahda fejn jidher ritratt tal-persuna fil-fatt li hu ra mejta. Dan l-istess ritratt kien ghaddieh lil mart il-mejjet li giet Malta apposta flimkien ma' uliedhom.

Huwa zammha f'wahda mid-djar taghhom. Meta gie muri wiehed mir-rittratti mir-relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri li jinsab a fol 43 jghid li huwa qieghed jaghrfu bhala l-persuna li hu kien ra mejta u li dwarha xehed dwar ic-cirkostanzi.

Rigward zewg ritratti illi gie muri parti mill-Process Verbal jghid illi dawn huma l-istess ritratt wiehed bil-kulur u l-*iehor black and white*. Jghid ukoll illi n-numru li hemm indikat hawnhekk u li huwa 04NN037 dana huwa fil-fatt l-istess numru li huma ghandhom fil-file taghhom u li hu kien ra mejta. Esebixxa fotokopja ta' ritratt li qieghed fuq faccata liema ritratt huwa tal-persuna li hu xehed dwarha llum. Dan id-dokument qed jigi esebit bhala DOK PCM 3.

**Profs Marie Therese Podesta Camilleri flimkien ma' Dr Ali Salfraz** xehdu fit-22 ta' Novembru, 2010. Murija d-dokument Dok MPC 1 jispjegaw li dan huwa r-rapport taghhom tal-*post mortem examination* rigwardanti l-persuna Sagit Israqay Tegwalde u liema rapport jifforma parti minn Process Verbal li huwa esebit fl-Atti ta' din il-kawza bhala DOK RB1 rigwardanti inkjesta dwar klandestin li kien qieghed jghix fil-barracks ta' Hal Safi Malta bl-isem ta' Sagit Israqay Tegwalde u li kien ibaghti minn attakki akuti ta' l-azma u miet wara li ddahhal fl-isptar San Luqa li grat nhar is-6 ta' Frar tas-sena 2005. Jghidu illi in kwantu ghar-rapport li huma kkonkludew li l-persuna, li dwarha ghamlu l-ezami nekroskopiku, miet "*due to natural causes namely collapsed lung and intrapulmonary haemorage secondary to bronchial asthma*."

**Dr. Martin Sammut** xehed fit-22 ta' Novembru, 2010. Muri dokument MS li huwa *toxicology report* u jghid li dana huwa esebit fl-atti ta' l-inkjesta li l-Proces Verbal taghhom hu esebit bhala DOK RB1. Ikkonferma li dana huwa rapport tossikologiku maghmul minnu u kkonferma wkoll il-konkluzjonijiet minnu raggunti fis-sens illi:- "*The blood level was less than 10mg/100ml a level that is normally found in a person who did not consume alcohol. Drugs and medicinal as indicated in document B (attached to the report) were not detected in the samples analysed*."

**SRN Romina Grech** xehdet fit-18 ta' Lulju, 2012. Tghid illi hi kienet tahdem fis-sala M8 f'St. Luke's Hospital. Tghid li ma tiftakarx wisq pero' taf li kellhom dan il-pazjent u li wara ftit hin li bdew xoghol, kellu bzonn attenzjoni medika u cemplu lit-tobba u kienu nizlu jarawh. Wara ftit tal-hin kien arrestja, kellhom ituh CPR u l-pazjent miet.

Tghid li le ma kienx Malti u li kien barrani, pero' ma tafx x'nazzjonalita' kien. Hi tiftakar li kien agitat, speci ratu li ghandu bzonn attenzjoni medika. Izda ma tiftakarx ghaliex kien l-isptar. Tghid li ma tiftakarx jekk kienx inghata xi haga dwar l-imgieba tieghu izda kienu gew it-tobba u rawh huma mbaghad.

Ma tiftakarx lanqas min kienu t-tobba dakinhar. Ghaliex huma jcemplu lil min ikun *on call* dakinhar. Tiftakar li kienet persuna ta' kulur skura u kien fih ragel u li kien persuna agitat hafna. Taqbel li kien agressiv u li kulhadd kien qieghed jibza minnu, u permezz ta' dan l-agir huwa holoq konfuzjoni kbira gewwa l-isptar dakinhar.

Tghid li kien hemm pazjenti ohra li kellhom bzonn l-ghajnuna u li s-sala kienet mimlija pazjenti.

**Professur Louis Buhagiar** xehed fl-20 ta’ Frar 2013. Jghid illi wara dan iz-zmien kollu ma jiftakarx id-dettalji tal-kaz kollha. Jghid illi kien hemm barrani li dahal l-isptar ibaghti bil-qtugh ta’ nifs u hu kien il-konsulent li ha l-kura tieghu. Mhux cert pero’ jekk dak iz-zmien it-tabiba Debono kienitx House Physician jigifieri l-ewwel grad ta’ tabib meta jilhaq jew ftit izjed ghola fil-grad izda dak iz-zmien kienu jghidulhom Senior House Officer jigifieri grad izjed ghola.

Meta dan il-pazjent dahal kien illejbiljat li jbaghti minn xi marda partikolari sempliciment kellu sintomi ta’ qtugh ta’ nifs. Izda l-qtugh ta’ nifs jista’ jkun ghal hafna ragunijiet. Kellu qtugh ta’ nifs u wara li nghata kura ftit wara nstab mejjet.

**Professur Louis Buhagiar MD rega’** xehed fl-4 ta’ Lulju, 2013. Jghid illi kien hemm pazjent ibaghti minn attakk ta’ l-azma, milli ra mill-file dawn l-attakki kieku jigru spiss ghax fi tlett xhur ta’ qabel dahal tlett darbiet. Kull darba jkollu bzonn il-kura. Jghid li huwa kien il-konsulent tieghu u jghid li l-pazjent kien jidher li jbaghti minn azma qawwija. Kien ifieq malajr minnhom, kien jirrispondi ghat-trattament malajr pero’ kull darba kien jirkadi wkoll malajr u kien jidhol l-isptar.

Fl-ahhar a*dmission* tieghu jidher li kellu problema kif jidher fil-file. Apparti li kien ikollu s-sintomi, kien ukoll jecita ruhu, kien ikun aggressiv anke fil-konfront ta' dawk in-nies li kienu qed jippruvaw jghinuh inkluz in-nurses u anke t-tobba. Dan qalu mhux mill-memorja ghaliex ma jiftakarx u kienu ghaddew seba' snin, imma skond il-file. Kien ukoll jirrifjuta anke tobba biex jezaminawh anke meta kien ikollu l-attakki u fl-ahhar spicca miet.

Jghid illi hu kien gie nfurmat meta kien miet il-pazjent, u jidhirlu li dan kien matul il-lejl. Izda fuq hekk ma jahlifx, malli sar jaf li kien miet fic-cirkostanzi talab li ssir awtopsja, ovvjament la saret awtopsja l-Pulizija kienet infurmata.

Jghid illi kull darba li kien imut xi hadd li ma jkollhomx spjegazzjoni mija fil-mija ta' x'hiex ikun miet kienet issir awtopsja. Il-bicca l-kbira tal-kazi jkunu Maltin. Xi drabi jkunu jafu biex miet pero' xorta jitolbu li ssir awtopsja biex jidhlu aktar fil-kaz fuq bazi akkademiku. Hafna drabi jekk il-pazjent ikun Malti jkollhom oppozizzjoni mill-qraba u biex ma jaghmlux l-affarijiet aktar difficli jirtiraw ir-rikjesta taghhom.

Jghid li l-kaz odjern kien dubjuz, ghalkemm kienu jafu li l-pazjent kien asthmatic. Jafu li l-kazi ta' azma jvarjaw, hemm kazijiet fejn jaqbdek ftit tiehu *treatment* u jghaddilek u taghmel hajtek hekk. Hemm kazi ta' azma li jkunu akuti tidhol l-isptar kull darba u jkollhom ituk it-*treatment* u tfieq. Pero' hemm kazi ta' azma wkoll li jaqbdek attakk u **within 24 hours** tmut. Issa f'dan il-kaz kienu jafu li l-pazjent kien *asthmatic* pero' ma ppretendewx li l-pazjent kellu jmut. Kien diffikultuz minhabba li dan il-pazjent apparti li kellu l-azma kien qed ikollu problema mat-tobba u man-nurses. Minkejja li kienu jitolbu biex jghinuh ghax il-kura tinghata fuq bazi ta' ezami. Jinghad li tbiddel il-kura f'dal-kaz tal-

azma u tbiddilha u tiehu decizjonijiet differenti anke fi zmien saghtejn tista' tbiddilha l-kura ghaliex dawn il-kazi jkunu gravi u l-kundizzjoni tista' tiggrava minn siegha ghall-ohra. Allura d-decizjoni tat-tobba tkun ibbazata minn ezami li jkollu bzonn isir fuq il-pazjent.

Jghid illi l-fatt li l-pazjent kien aggressiv u ma halliex lit-tobba jezaminawh jista' jkun li miet tort tieghu. Kien hemm il-fatt l-iehor li dan il-pazjent kien anzjuz. Issa generalment jafu li pazjent li jkun *asthmatic* u jkun qed jiehu *treatment* m'ghandhux jiehu kalmanti. Pero' hemm eccezzjoni, fejn wiehed jista' jiehu l-pass li jaghti kalmant hafif. F'dal-kaz il-pazjent inghata kalmant hafif. Hemm tobba li jargumentaw li m'ghandekx taghmel hekk, pero' f'certa cirkostanzi partikolari u dan kien wiehed minnhom, it-tabib ghamel sew li tah il-kalmant. F'kazijiet fejn il-pazjent ikun aggressiv u ma jridx li t-tobba jezaminawh trid tikkalmah biex tkun tista tezaminah. Ghalhekk tista' timmagina d-diffikulta' li t-tabib kien ikollu biex jiehu decizjoni biex jikkurah bla ma jezaminha. Ma jarahiex bi kbira jew *out of the ordinary* li xi tabib jiehu decizjoni li jaghti kalmant hafif f'kaz ta' pazjent li qed ibaghti mill-azma biex ikun jista' jezamina lill-pazjent ahjar.

Jghid illi dan mhux bilfors iwassal ghal mewt, kieku jwassal bilfors ghall-mewt dawn l-eccezzjonijiet ma jkunux hemm. F'hafna drabi l-kalmant ikun bizzejjed biex jikkalma l-pazjent inehhilu dik l-anzjeta' u jnaqqas il-qtugh ta' nifs. Jifhem li f'certu kazi ma tahdimx u tahdem bil-kontra. Izda dawn huma cirkostanzi difficli hafna u t-tobba li jkunu hemmhekk iridu jiehdu dawk id-decizjonijiet f'dawn ic-cirkostanzi. It-tobba jiehdu decizjonijiet tajbin imma f'cirkostanzi bhal dawn ma jeskludux li jittiehdu decizjonijiet *in buone fede* imma mbaghad jista' jirrizulta bhal kull medicina, ghandhom *side effects* li jistghu joqtluk. L-

aspirina li tiehu tista’ tehodha filghodu ghal bicca ugigh ta’ ras, tista’ tehodha u ttaqqablek l-istonku tieghek u tmut. Imma ghaliex jista’ jigri hemm m’ghandhiex naqtghuhom kompletament.

Jghid illi hu ma giex imsejjah jintervjeni ghaliex dan kollu gara f’temp ta’ saghtejn. Dawn id-decizjonijiet ittiehdu bil-lejl u mhux bilfors jigi mitlub il-parir ta’ konsulent f’dawn il-kazijiet.

In kontro-ezami jghid illi apparti li l-pazjent kien agressiv, kien anzjuz, kellu wkoll problema ta’ kommunikazzjoni u dan kollu jafu mill-informazzjoni tal-file.

Jghid illi l-pazjent kellu wkoll l-possibilita’ li ghandu tuberkolozi pero’ li l-problema principali tieghu kienet l-azma. Id-diffikultajiet li kien hemm ma kienux fl-istadju tal-emergenza.

Jghid illi normalment id-dozi tal-medicini jigu kkalkolati fuq kemm huwa kbir il-persuna ghax jekk ikun bniedem li jkun *well built* jigifieri jkollu massa kbira, ikollu *weight* gholi, dak ovvjament trid izzidlu naqra d-doza ghalhekk jekk tuza dozi normali jafu jkunu baxxi ghalih.

Illi dan il-kaz flimkien ma’ numru iehor ta’ kazijiet gew assenjati lil din il-Qorti fil-vesti taghha fuq riferita permezz ta’ digriet ta’ Assenjazzjoni tal-Prim Imhallef datat 21 ta’ April 2014 u din il-Qorti appuntat il-kawza ghas-smiegh tal-provi minnufih u cioe’ ghal nhar it-12 ta’ Gunju 2014 peress li dehrilha li kien diga ghadda zmien konsiderevoli minn meta sehh il-kaz u cioe’ disa’ snin u

ghalhekk fl-interess tal-gustizzja li trid taghmel kemm mal-imputati zewg professjonisti kif ukoll mal-vittma llum mejjet hija pprocediet bis-smiegh taghha.

Illi pero’ rat li f’din il-kawza kien hemm kwistjonijiet medici u teknici li kellhom jigu decizi u ghalhekk fuq talba tal-imputati mhux opposta mill-Prosekuzzjoni hija nnominat lil konsulent tan-nifs Dr Martin Balzan sabiex jassistiha fil-gbir tal-provi u ordnatlu b’digriet taghha tat-23 ta’ Lulju 2014 sabiex jigbor kopja tal-process u jkun prezenti waqt li jixhdu l-imputati li huma tobba sabiex jaghmel dawk id-domandi li huwa jidhirlu li ghandu jaghmel waqt li l-imputati ikunu fil-pedana tax-xhieda u dan sabiex issir gustizzja ma’ kull min hu nvolut.

Illi ghalhekk din il-Qorti iffissat seduta ghal nhar l-4 ta’ Ottubru 2014 sabiex jixhdu l-imputati u dan fil-presenza ta’ Dr. Martin Balzan.

**L-imputata Dr. Elaine Desira** xehdet fl-14 ta’ Ottubru, 2014. Tghid illi hi kienet tahdem bhala House Officer gewwa l-isptar San Luqa ghal sitt xhur meta sehh dan l-incident u fil-fatt kienet ilha xahar tahdem fid-Dipartiment tal-Medicina. Tiftakar li kienet duty bil-lejl, u kienet irceviet telefonata minn *nurses* fil-ward tas-sala M8 fejn qalulha li kellhom pazjent bi qtugh ta’ nifs u effettivament kienet marret fis-sala M8 u rat lil dan il-pazjent.

Tghid illi fil-fatt dan kien gewwa kamra flimkien ma’ pulizija PC 121 u ma hallihiex tezaminah. Tghid li fil-fatt dana kien ecitat hafna, agressiv, beda jdur u jaqghad, jaghti mal-kamra kif ukoll mal-bieb u ppruvat tikkalmawh. Tghid li kien hemm ukoll problema tal-lingwa peress li kien ta’ nazzjonalita Afrikana u

bl-Ingliz ma kienx jaf jitkellem. Hu beda jitkellem bil-lingwa tieghu, filwaqt li hi bdiet tkellmu bil-lingwa ingliza u ma bdew jiftehmu xejn.

Ma kienx hemm interpretu maghhom u hi kienet ratu bejn il-lejl tal- 4 u l-5 ta' Frar 2005. Tghid illi ma tafx kif in-nurse saret taf li hu kien qieghed ibghati minn qtugh ta' nifs. Tghid illi kulhadd kien beza' minn dan il-pazjent u li l-Pulizija ta' mieghu ma pruvax jirristrenjah u dan ghaliex kellu statura kbira. Tghid illi meta hi giet f'diffikulta cemplet lis-senior taghha Dr.Ritienne Debono spejgatila li dan kien kaz ta' azma u li l-pazjent kien qieghed jaqta' nifsu. Dan qalitu milli rat ghaliex ma resqitx lejh u lanqas ghamlet ezami fuqu.

Ghalhekk hi rappurtat lil Dr. Ritienne Debono dak li kien hemm fil-file. Fil-fatt Dr Debono qaltilha biex taghtih 5 mg valium fil-vina u dana sabiex jikkalma u kellha sussegwentement terga' tezaminah.

Hi taghat struzzjonijiet lil nurses biex jaghmlu dan u taf li tawihielu fil-vina. Fil-frattemp hi kellha calls ohra ghaliex kienu *short staff* u sakemm ikkalma l-pazjent marret tara pazjenti ohra. Nizlet nofs siegha wara ghall-habta tad-disgha u nofs, u tghid li l-pazjent kien harira aktar kalm pero' xorta baqa' agitat u beda jdur mal-kamra. Halliha taghmillu *examination* hafifa, fil-fatt halliha tezaminalu dahru u rrizulta li kellu *wheezing* pero' ma hallihiex tohodlu *artirial blood gases* u dan peress li kien ghadu jdur mal-kamra u l-procedura hi l-pazjent irid ikun mindud. Regghet cemplet lil Dr. Ritienne Debono u qaltilha biex jirrepetu n-nebuliser u jzommuh fuq l-ossignu. Tghid li wara kompliet ix-xoghol taghha fis-swali l-ohra u hadd ma rega' ikkuntatja fuqu u dak il-hin hi ma kinitx taf li ma kinitx l-unika tabiba *on call*.

Tghid li bhala team mediku *on call* ikunu hamsa House Officers pero' mhux il-hin kollu fl-istess hin. Wara d-disgha u nofs ta' fil-ghaxija (9.30pm) ma semghat xejn aktar fuqu u mbaghad taf li hadu *over* tobba ohra. Hadd min-nurses mis-sala ma cempillha biex jghidula li kien sar progress jew rigress. Hi l-ahhar darba li rat il-pazjent kien lucidu, kien qed idur fuq saqajh. Qed tara l-*insert* fil-*clinical notes* esebiti fl-atti fil-*history file* mmarkat DOK MS u tghid illi l-*insert file* li hemm fil-5 ta' Jannar 2005 fid-disgha (9.00) u d-disgha u nofs ta' filghaxija (9.30pm) kellhom jinqraw 5 ta' Frar 2005, tghid ukoll li dak iz-zmien kunjomha kien Lauri u li dik iva hija l-kitba taghha.

L-*inserts* ta' wara huma miktuba minn tobba ohrajn. Tghid ukoll li rrizultalha wkoll illi l-pazjent kien diga' ghamel gurnata fil-ward, u hi kienet ratu bil-lejl. Normalment pazjenti li jbaghtu b'azma severa meta jidhlu l-isptar jidhlu taht l-kura tar-Respiratory Physician u f'dan il-kaz kien taht Dr. Louis Buhagiar li huwa Renal Physician u ghalhekk ma kien hemm xejn x'jindika li effettivament il-pazjent kien qed ibaghti minn azma severa. Dr. Buhagiar pero' fil-fatt huwa kemm General Physician kif ukoll Renal Physician. Tghid illi bhala *treatment* il-pazjent kien qed jinghata biss nebuliser u f'dan il-kaz ma kienx qed jinghata steroids fil-vina li s-soltu jittiehdu meta l-pazjent ikollu kundizzjoni akuta.

Tghid li hi taf li f'kazijiet ta' azma severa ghandek tuza s-sedatives kalmanti b'kawtela kbira. Izda din mhix l-*absolute contradiction* izda hija wahda relattiva u dan ma kien hemm xejn x'jindika li kien qed ibghati minn azma severa. Hi fil-fatt bhala doza taghtu 5mg kif kienet ordnata mis-superjuri taghha f'daqqa fil-vina. Il-*blood gases* jittiehdu mill-arterja ta' l-id u biex jittiehed il-pazjent irid

ikun mindud, kalm u rilassat fis-sodda. Pero' fis-sitwazzjoni li hi kellha quddiema kienet wahda opposta u dan ma kienx possibli.

In kontro-ezami tghid li bhala sintomi fil-pazjent kienu dawk li beda jdur mal-kamra u tghid li dan ifisser li l-pazjent kien fi stat anzjuz u ghaliex kien daqstant agitat ma tistax tghid. Tghid illi fil-*history file* kien hemm li kien ibghati bl-azma u li kien dahal l-isptar bl-azma. Tghid li hi ma hassitx li kellha tmur kontra l-ordnijiet tas-superjuri taghha u peress li f'dawn ic-cirkostanzi l-pazjent kellu bzonn jikklama hi taghtu 5mg. Hi kienet taht il-hsieb li ghall-ewwel taghti 2.5mg u mhux 5mg ghaliex kienet taf li qieghed ibaghti bl-azma u riedet tiehu kawtela. Pero' minkejja dan hi kienet ghadha House Officer u s-Senior taghha kellha iktar esperjenza minnha u peress li kien ukoll *big built* hi obdiet l-ordnijiet ta' fuqa.

Tghid li effettivament Dr. Ritienne Debono dak iz-zmien kienet SHO. Meta ezaminat lill-pazjent effettivament hi kienet man-nurses pero' hi lil Dr. Debono kienet kelmet u sakemm rat il-pazjent in-*nurses* biss kien hemm madwara.

**L-imputata Dr. Ritienne Debono** xehdet fl-14 ta' Ottubru, 2014. Tghid illi hi gradwat bhala tabiba mill-Universita' ta' Malta fis-sena 2001 u fi Frar 2005 kienet tokkupa l-kariga ta' Senior House Officer fid-Dipartiment tal-Medicina u kienet taqa' taht il-konsulent cioe' Dr. Mario P. Vella li kien konsulent fin-Nefrologija. Tghid li fl-2005 ghalhekk hi kienet SHO kienet ghadha ma gabitx l-MRCP.  Fil-fatt hi gabet l-MRCP fit-2006 u kompliet tispecjalizza fil-medicina nterna u sena u nofs ilu gabet l-ispecialisation taghha fl-*internal medicine* u fil-prezent tinsab qed tispecjalizza fin-Nephrology. Illum il-kariga taghha hija Resident Specialist.

Tghid illi dak iz-zmien cioe' fis-sena 2005 kienu jkunu tlett SHO's *on duty* u naturalment xogholhom kien li jkopru medical wards kollha kif ukoll li jinvistaw il-pazjenti li jidhlu u jigi ammessi taht Konsulent tal-medicina u xogholhom jkun mis-7.30 ta' fil-ghodu sa nofsinhar ta' l-ghada. Tghid illi dak il-hin li cemplitilha t-tabiba kien ghal habta tad-disgha ta' filghaxija (9.00pm) u hi kienet qed tara pazjent fid-Dipartiment ta' l-Emergenza. Tghid illi dak il-hin kienet fl-Area u hemmhekk hemm il-pazjenti bl-aktar problemi serji. Tiftakar li ghal habta tad-disgha cemplitila l-ko-akkuzata Dr Elaine Lauri u spjegatilha li kien hemm pazjent li kien qieghed idur u jaqghad u holoq konfuzjoni kbira. Kienu diga ordnawlu ECG pero' dan ma kienx halla t-Technician jersaq lejh. Tghid ukoll li kien hemm problema ta' lingwa, dakinhar lanqas kien hemm interpretu prezenti.

Hi staqsiet ghaliex kien qieghed l-isptar il-pazjent u hi qaltilha li kien dahal il-lejl ta' qabel bhala query T.B u li bhala *history* il-pazjent kien ibghati bl-azma. Tghid li kellha decizjoni difficli ghaliex hi kellha zewg *options* jew li joqghodu jharsu lejn il-pazjent u jaraw li possibilment seta' jwegga' lilu nnifsu jew jikkollassa, b'hekk ma jaghmlu xejn. Ghalkemm mhix ir-regola setghet taghmel *sedation*. Naturalment meta taghti *sedation* tkun konsapevoli tal-konsegwenzi u dan billi taf li l-pazjent kien *fully conscious* u kien qieghed f'ambjent ta' sptar fejn kien hemm il-facilitajiet kollha tar-*resusciatation* illi hemm bzonn. Kienet ikkonfermat ukoll li l-pazjent kien ta' *built* kbira u ghalhekk iddecidiet li tordna li jinghatalu valium 5mg.

Tghid illi l-Valium huwa *short acting*, jigifieri l-*peak* jintlahaq wara hmistax-il minuta u jibqa' effettiv ghal nofs siegha. Il-medicina m'ghandhiex hin twil u

ghalhekk hi avzatha biex taghmillu l-ossignu l-hin kollu biex l-ossignu fid-demm jibqa' tajjeb u terga' tezaminah kif jikkalma u kif ihalliha. Dr. Elaine Desira regghet cemplitilha nofs siegha wara u qaltilha li kien ikklama pero' baqa' xi ftit anzjuz. Sarlu ECG u dan irrizulta normali u li kellu *wheezing* f'sidru. Ghalkemm ma hallihiex tehodlu *arterial blood gases*. Tispjega li biex isir dan it-test il-pazjent irid jikkopera, ghalhekk iddecidew li jirrepetu t-trattament ghall-azma li kienu nebuliser u ventolin.

Tghid illi biex jittiehed dan il-gas, il-gas irid jittiehed minn arterja fid-demm u ghalhekk naturalment twegga' u tghid li l-pazjent irid jikkopera ghaliex ma tistax tiehu dawn il-gases bla koperazzjoni tal-pazjent u dan ghaliex jekk tippancerja arterja u l-pazjent ma jikkooperax il-*puncture* tkompli tibblidja. Meta tpoggi l-pazjent taht *de oxygenation* f'kaz li l-valium jikkrea nuqqas ta' ossignu inti tkun qed taghtih is-supplement tal-ossignu biex tinnewtralizza tali effett.

Tghid li minn dak li rrizulta mill-file, is-CPR sar xi saghtejn u nofs wara li ha l-valium u l-pazjent skond il-file miet nofs il-lejl u ghaxra (12.10am) l-ghada filghodu. *Relative contra indication* tfisser li f'certu cirkostanzi u cioe' meta pazjent ikun *monitored* u huwa assolutament neccessarju *sedation*, il-Valium jinghata anke f'kazijiet ta' asthmatics u naturalment jekk dan tittiehed bil-hsieb li tkun qed tghin lill-pazjent biha molto piu meta tqis li jista' jkun hemm cirkostanzi fejn il-pazjent ma jhallikx tezaminah kif kien il-kaz in desamina.

Tghid li hi taf x'kienet il-kundizzjoni tal-pazjent, pero' jekk kellux azma dak il-hin ma tafx sad-disgha ta' filghaxija (9.00pm) pero' naturalment meta semghet sidru fid-disgha u nofs (9.30) rat li kellu *wheezing* u li effettivament kellu l-

azma. Fil-fatt fit-*toxicological results* ma kienx hemm tracci ta' Valium u ghalhekk dan ifisser li zgur ma nghatax overdose tal-valium. Tghid illi 5mg filfatt hija *the lowest recommended dose*. Tghid li dak il-hin li bdew iccemplulha mis-sala M8 l-pazjent kien mat-tobba u nurses, hi kienet *casualty* u hemmhekk kellha pazjent b'kundizzjoni akuta u ghalhekk l-ewwel lestiet mill-pazjent gewwa l-*casualty*. L-SHO's kollha kienu l-*casualty* dak il-hin. X'hin lestiet imbaghad marret tara l-pazjent fis-sala M8 allavolja ma semghet xejn u haditha bhala ahbar tajba.

Tghid li x'hin marret sabet lill-pazjent qieghed jipprova jaqla' l-genb tal-bieb, anka l-pulizija li kien hemm mieghu kien qed jibza' minnu. Minhabba l-problema tal-lingwa hi wkoll ma setghetx tikkomunika mal-pazjent. Kemm halliha tismaghlu dahru, kien ghad hemm il-*wheezing* u ghalhekk hasset li bhala *first line treating* tal-azma treatment li kienu tawh u cioe' 5mg Valium ma kienx bizzejjed il-Ventolin u l-Atrovent li huma nebuliser u ghalhekk hasset li kien hemm bzonn *second treatment*.

Dan ifisser li b'xi mod kellhom johdulu *arterial blood gas* u dan ghaliex huwa kriterju fuq xiex trid tibbaza d-decizjoni tieghek tibghatx pazjent l-ITU jew le. Tghid li s-*second line treatment* jinvolvi medicina li normalment tinghata l-ITU u ghalhekk it-tobba tal-ITU jsaqsuk ghall-*blood gases result*.

Tghid illi l-*insert fil-medical history* tal-11.15 fil-5 ta' Frar, 2005 hija taghha. Izda dak il-hin cemplitilha tabiba li kien hemm pazjent qieghed imut u ghal darb'ohra kellha l-prijoritaijiet. Ghalhekk hi qalet lit-tabiba biex tmur is-sala M8 u hi tmur tara l-pazjent li kien f'qaghda kritika. Ghalhekk ma kitbitx fil-file ghaliex dak il-hin kien hemm affarijiet aktar importanti.

Tghid li t-tabiba li kienet qed tkellem kienet Dr. Caroline Grixti u kienet hi responsabbli biex tiehu l-ABG's (arterial blood gasses) ta' dan l-istess pazjent. L-ABG's dak il-hin ma sarux ghax il-pazjent lahaq arrestja u ghalhekk hi lahqithom jaghmlulu CPR.

Tghid li hi kkomunikat mieghu permezz ta' *body language*. Mistoqsija tgharafx il-pazjent skond ritratt li qieghed a fol 38 tal-atti ta' l-inkjesta tghid li ma tistax tikkonferma jekk kienx hu jew le.

Tghid li l-pazjent kien aggressiv u dan ratu b'ghajnejha, il-pazjent beda jitkellem bil-lingwa tieghu, jghajjat fis-sens ta' vuci gholja u li l-Pulizija wkoll beda jibza' minnu. Tghid li l-kamra fejn kien qieghed jinzamm kienet *single room* gewwa San Luqa, ghandek bieb ta' barra tal-hgieg, tieqa tal-hgieg normalment mghottija bil-purtiera u hemmhekk ikun hemm sodda fil-genb u l-Pulizija kien bil-qieghda hdejn it-tieqa.

Tghid li fl-inkjesta ma saqsewhiex x'kien ix-xoghol urgenti li kellha taghmel dak il-hin. Fil-fatt fl-awtopsja hareg li l-pazjent tant kellu azma severa u kienet ilha hemm li ma kienx se jsalva xorta.

Tghid li meta pazjent jigi ammess it-*treatment* inizjali jkun dak li jiddetermina l-*outcome* fis-sens kemm se jigi stabilizzat malajr jew jekk hux f'pozizzjoni li jiddeterjora u naturalment decizjonijiet ta' certu testijiet li ghandhom jittiehdu procedura fil-bidu.

In kontro ezami tghid ma hiex regola li taghti *sedation* lill-pazjent bl-azma fis-sens li jekk tista' tevita, tevitaha u dan ghaliex kwalsijasi *sedation* li taghti tnaqqas l-ossignu. Tghid izda li l-agressjoni tal-pazjent setghet tigi kontrollata biss permezz ta' *sedation*. Mistoqsija jekk talbitx ghajnuna lill-Pulizija biex tikkalma lill-pazjent tghid li ma kienx il-kompitu taghha tghid lill-Pulizija jgib ghajnuna ohra minn barra. Tghid li hi fuqha ghandha l-*literature* tal-contra-indications tal-Valium. Esebiet dokument li huma l-*ispecifications* fuq diazapam u fil-fatt il-*valium* huwa *diazepan* u din hija letteratura mahruga mill-*manufacturing company* taghha. Fil-fatt bhala *contra-indication* jghidlek *hypersensitivity to the drug* lejn dawk il-pazjenti li jabbuzaw mid-droga, pazjenti li huma f'koma u ghalhekk mhux f'sensihom, mhux bhal dan li kien *fully concious* u f'dawk il-pazjenti li jkunu *under shock* fis-sens ta' *hypovolemic shock*. Dan id-dokument gie mmarkat Dok. RD.

**Dr. Josef Micallef prodott bhala xhud u espert ex parte** xehed fis-17 ta' Novembru 2014. Jghid illi ggradwa mill-Universita' ta' Malta fis-sena 1995 u hu konsulent hawn Malta f'Mater Dei fuq in-nifs. Jghid illi kien ezamina l-*medical history* ta' Sagid Iisraquay Tegualde u jirrizulta li din il-persuna dahlet l-isptar b'azma severa u li ma kienx taht kontroll ghax effettivament din l-istess persuna kienet giet ammessa l-isptar f'okkazjonijiet precedenti. Jghid illi l-pazjent kien vjolenti fil-jum meta huwa kien gie ammess skond dak li hemm dokumentat. Seta' kien il-kaz li kien hemm problema ta' lingwa u li beda jirrifjuta kull trattament.

Spjega li f'kazijiet bhal dawn l-ewwel li trid tara meta l-pazjent ikun agressiv huwa li jkun safe kemm ghalih u kemm ghal dawn ta' madwaru u ghalhekk it-

tobba kellhom jaraw kif jaghmlu biex l-ewwel jikkalmaw lill-pazjent. L-ewwel ghandhom ikellmuh bil-kelma t-tajba izda jekk ma jirnexxilhomx ikollhom juzaw certu medicini u f'dan il-kaz Dr. Lauria li kienet qed tiehu hsieb il-pazjent iddecidiet li tikkonsulta mas-Senior taghha.

Id-doza rakkomandata kienet ta' 5mg diazepam li huwa forma ta' valium. Jghid li dana kellu jinghata *intravenously* u sussugwentement minn dak li jirrizulta taghtu cans ta' nofs siegha  sabiex jilhaq jahdem. Meta thares lejn il-letteratura d-doza ndikata f'dawn ic-cirkostanzi tkun ta' bejn 5 jew 10 mg. Jghid illi minkejja l-pazjent kien ibghati minn azma m'hemm l-ebda *contra indication* illi medicinali bhal din ma tinghatax f'cirkostanzi bhal dawn. Jekk ma tezaminax il-pazjent ikun difficli hafna li ma taghtix *treatment* u ghalhekk gieli jkollhom juzaw certu *sedatives*.

Jghid illi fic-cirkostanzi ma jidhirx li kien hemm alternattiva ohra. Jghid illi l-pazjent kien diga' nghata nebuliser u jaf li wara effettivament ikkalma regghu tawh nebuliser u dan ghaliex jirrizulta li Dr. Lauri kienet regghet marret tarah fi zmien nofs siegha u hemmhekk inghata *treatment.*

Jghid li l-valium jahdem fi zmien ghaxar (10) minuti. Il-pazjent miet ghal xil-hdax u nofs u hamsa (11.35) u Dr. Debono kienet lahqet ratu xi ghoxrin (20) minuta qabel. Mill-awtopsja jidher li miet minhabba *collapsed lung u intrapulmonary haemorrhage* (demm fil-pulmun) *secondary to bronchial asthma* u ghalhekk dan ifisser illi l-pazjent miet bhala rizultat ta' azma akuta severa.

Jghid illi r-rizultati tossikologici kienu negattivi ghall-prezenza ta’ diazepam u ghalhekk kieku l-pazjent ha overdose jkunu jidhru fir-rizultati tat-tossikologija li f’dan il-kaz ma jidhirlux. Jghid illi l-azma hija kundizzjoni agressiva hafna u fil-fatt gieli jkollhom mewt ta’ eta zghira kull sena. Meta jkollok attakk qawwi l-pazjent jibda jnaqqas milli jiehu n-nifs u jasal f’punt illi l-unika mezz huwa li tivventila n-nifs li jsir f’kuntest tas-CPR. Jghid illi sa fejn jaf hu s-CPR sar fl-ahhar mumenti meta l-pazjent kien qed imut.

Jghid illi l-pazjent joqoghod taht il-konsulent li jkun tal-gurnata u li mhux bilfors dak taht liema kondizzjoni jkollu. Il-pazjent kien dahal darbtejn ohra taht l-istess konsulent Louis Buhagiar. Meta’ kien hareg tlett ijiem qabel il-mewt tieghu kien inghata appuntament l-Ashma Clinic u dan skond ma rrizultalu min-noti. Pero’ ma jirrizultax li gie nvistat minn specjalista tal-pulmun. Problema ohra hija li l-pazjent ma kellux access ghal medicina ahjar u dawn ghaliex tali medicina ghandha tinxtara direttament mill-pazjent peress li huwa barrani. Dak iz-zmien il-Gvern ma kienx jaghti *non formerly items* lir-refugjati.

Fil-fehma tieghu l-pazjent kien qed jiehu *under treatment* ghaliex ma kellux access ghall-medicini aktar qawwijin biex jikkontrolla azma qawwija. Jghid li jahseb li kien qieghed jiehu *inhalers* filfatt kien qed jiehu Becotide u Becloforte li huma tnejn (2) Beclomethasone 50 u Becloforte huwa Beclomethasone 250.

Dr Buhagiar kien tah Neulin li hija tablet li llum il-gurnata ma tantx ghadha tintuza ghall-azma. Din probabilment inghatat ghax ma kellux access ghal pilloli ohra. Inghatat ukoll Nasal Methadone li hija bhal ventolin pero’ tahdem iktar fit-tul u l-pazjent ma kellux access ghal tali medikazzjoni. Zgur li waqt li kien fis-sala kien qieghed jiehu tali medicinali.

Wara l-ewwel *admission* irrizulta li kien hemm xi tibdil fl-X-ray u ghalhekk gie rrfereut ghand specjalista tat-TB li huwa tac-Chest Clinic Brian Farrugia u ghalhekk kiem hemm problema li meta l-pazjent bit-TB jiehu l-isteroids li s-soltu jinghataw fil-kaz ta' azma, dawn jistghu jzidu t-tuberkolozi jew iferxuha u ghalhekk meta l-pazjent dahal l-isptar kien inghata doza ta' hydrocotisone fil-vina pero' fil-jum ta' wara kien hemm istruzzjonijiet sabiex ma jinghatax l-isteroid.

Jghid li sakemm ratu Dr. Debono n-nifs tieghu tant kien hazin mhux bhal saghtejn qabel meta beda jdur fil-kamra. Is-*sedation* hija *short lasting* u tahdem wara l-ewwel hmistax-il minuta u sussegwentment *it wears off*. Jghid li ra l-atti ta' l-inkjesta. Jghid li hu ma jaqbilx ma dak li hemm a fol 85 bullet 15 tal-process, fejn hemm miktub ghax pazjent ikollu bronchial asthma qawwija huwa kontro indikat li tinghata kalmat, f'sitwazzjoni bhal din pero' una volta l-pazjent kien agressiv u ma kienx qed ihalli t-tabib timmedikah ma kienx kontro indikat li jinghata diazepam.

Jghid illi CO2 monitoring issir billi tiddahal labra fil-pazjent gol-arterja u jghid li f'dan il-kaz il-pazjent irrifjuta u fil-fatt ma hemm ebda dokumentazzjoni dwar dawn ir-readings. Pero' kien gie ordnat minn Dr. Debono meta kien ezaminatu fil-11.15. Jghid li ma jaqbilx mal-konkluzzjoni raggunti min Profs Cacciatolo u Dr Scerri ghaliex il-valium inghata biex jikkalma l-pazjent.

Jghid li normalment persuna li jkolla CO2 *retention* tkun mitluqa u mitlufa minn sensiha u f'dan il-kaz kien l-oppost. Jghid li meta ezaminat lill-pazjent Dr. Desira

kienet ghadha tilhaq tabib xi erba' (4) xhur qabel. Izda l-ordni biex jinghata valium haditha minghand is-superjuri taghha. Il-fatt li Dr Desira taghti l-medicina jfisser li kienet konvinta hi stess meta tat din il-medicina. Meta jkollhom dubju jiehdu decizjoni fuq superjuri taghhom li dawn ikollhom aktar esperjenza u tittiehed id-decizjoni fil-mument li jkun ta' aktar gid ghal pazjent.

Jghid li SHO huma dejjem *available* kif ikun il-konsulent. Din hija prattika internazzjonali li tabib irid jipprijoritizza x'inhu l-aktar gravi imma hafna drabi jkun taht *pressure* meta jkun taht emergenza kif ukoll meta jkun fis-swali u filfatt huma trejnjati biex jiehdu decizjonijiet anke fuq it-telefown fuq informazzjoni li tkun moghtija lilhom minn kollega, ghaliex jekk kienet ilha erba' xhur biss xorta kienet tabiba.

Illi nhar it- 2 ta' Dicembru 2014 dehru l-imputati assititi mill-avukati difensuri taghhom u l-Ufficjal Prosekutur fejn trattaw il-kaz u talbu li l-kaz jibqa' ghas-sentenza.

Illi nhar id-9 ta' Dicembru 2014 deher Dr Martin Balzan u pprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu bbazata fuq dak li rrizultalu mill-process u mis-smiegh tax-xhieda, liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok MB.

Illi dan l-espert b'referenza ghall-konkluzjoni raggunta mill-esperti nominati fl-inkjesta li "***the intravenous diazepam contributed to the death of the patient"*** huwa jissottometti s-segwenti:-

a) *"That administration of diazepam is NOT an absolute contraindication but only a relative one in the circumstances, and*
b) *It appears to be justifiable in a risk benefit analysis where the patient appeared aggressive and unable to communicate effectively, in that benefits of establishing a diagnosis, and preventing potential self-harm, outweighed the risk of a low level of sedation.*
c) *That as already stated there was no apparent respiratory depression when the diazepam was administered and death occurred more than two hours later, which is much later much later than the peak effect of the intravenous diazepam of 15 minutes*
d) *The dose used was a very cautious dose of 5 mg, half of what is normally used for a male patient of average build*
e) *The sedation was administered in a supervised environment of a hospital ward.*
f) *The toxicology of the autopsy report failed to detect any diazepam in the blood".*

Fir-rigward ta dak li kkonkludew l-esperti nominati fl-inkjesta b'referenza ***"to the allegation of serious mismanagement" on behalf of the doctors***, l-espert Dr Martin Balzan jghid illi ma jaqbilx ma' din il-konkluzjoni u jibbaza l-konkluzjoni tieghu fuq is-segwenti:-

(i) **"***It is very clear that in this particular patient there was a serious behavioural problem, compounded by a language problem, where it was practically impossible to even approach the patient to take information from the patient, examine the patient, and actually do tests, in particular, arterial blood gas examination, which being a somewhat painful procedure, needs patient consent and cooperation.*

*(ii) Dr. Lauria saw the patient immediately assessed the situation, and gave the clinical picture to her immediate superior.*

*(iii) There was a discussion between the two doctors on how to best deal with the situation, where Dr. Lauria was a house officer recently graduated, and Dr. Debono was a senior house officer is few years' experience. This was a normal discussion between a senior and a more junior doctor. The junior doctor expressed her reservations to her more senior colleague.*

*(iv) It is also normal practice and hospital regulation, that once this discussion takes place the more senior doctor takes responsibility of the decision.*

*(v) The justification that Dr. Debono was unable to see the patient immediately because of other more pressing work at the emergency, while not documented by the defence, nor disproved by the prosecution is plausible as in February there is an enormous load on the medical doctors in casualty and the medical wards in the winter months.*

*(vi) To her knowledge Dr. Debono who needed to prioritize her work, was dealing with an aggressive patient on the ward, who previously been admitted for Asthma. Since I am not fully aware of the situation, it is impossible to determine whether that the prioritization was correct or incorrect, but it is a very common place and definitely plausible situation.*

*(vii) The patient received Iprotropium and Salbutamol by nebuliser after a second phone call, until doctor Debono could review the patient.*

*(viii) There is however clear evidence that Dr. Debono examined the patient at least once.*

(ix) *As regards to the practice of writing the note at a later stage when one is hard pressed, this may be justifiable in the circumstances of heavy load as may happen in the winter months in the medical department and accepted medical practice.*

(x) *When the two doctors assessed the situation they intensified the nebulizer therapy with beta agonists and ipratropium however taking into consideration the instructions not to use systemic steroids in view of the "latent tuberculosis" no corticosteroids were administered. This is my opinion is compatible with acceptable medical practice and in no way can be classified as a breach or duty or any level of negligence, neither at a civil or criminal level."*

Illi l-espert nominat mill-Qorti jikkonkludi r-rapport tieghu billi jghid li:-

*(1) "The patient died of severe acute asthma and in my opinion, in no way can the administration of intravenous valium be considered to have contributed to the "cause and effect" of the subsequent death.*

(2) *With hindsight one might argue that should corticosteroids had been given at an earlier stage by the admitting team and the caring firm and had not discontinued because of the fear or latent tuberculosis, the outcome might have been different, but this decision was based on sound medical evaluation of serious relative contraindication and in cannot be considered as negligence.*

(3) *Indeed I concur with the position that the two young doctors faced a medical situation in which there was a high probability that the medical condition of the patient has crossed the point of no return and no treatment whatsoever even in normal circumstances might have saved in life at that late stage.*

(4) *The level of inflammation noted in the pathologists report normally accumulates over a few days, in my opinion in this case with complete obstruction at least about a week.*

(5) *If large doses of intravenous steroid therapy would have been given at 09.00pm, it would have started to act six hours later therefore most likely to be ineffective in this case.*

(6) *Given the degree of Inflammation, a few days would have been necessary for the inflammation in the airways to clear, as such a degree of inflammation most likely formed over the previous week.*

(7) *As regards to the two arraigned doctors, they faced a patient they did not know, who had serious behavioural and communication problems, and this*

*not only obfuscated the clinical picture, but made clinical history physical examination and the administration of investigations very difficult.*

*(8) In the circumstances the two doctors acted reasonably and within the parameters of accepted medical practice. While the outcome for the patient was most unfortunate, I do not see the elements of breach of duty, nor a poor level medical skill."*

**Ikkunsidrat:**

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Illi l-imputati jinsabu akkuzati kif diga' inghad iktar 'il fuq bir-reat tal-omicidju involontarju. Illi madanakollu l-Qorti tistqarr illi dan il-kaz kien iktar kumpless minn kawzi ohra ta' reati ta' natura involontarja billi jitratta dwar allegat zball kommess minn professjonista fil-kors tal-ezercizzju tal-professjoni taghhom. Kwindi l-Qorti trid necessarjament tinvestiga mhux kwalsiasi ghemil maghmul minn bniedem fil-hajja ordinarja, izda ghemil ta' natura professjonali u l-grad ta' responsabbilta' mistennija minn min ipprepara ruhu u pprezenta ruhu biex jagixxi f'dik il-professjoni partikolari. Kien minhabba f'din ir-raguni illi l-Qorti hasset illi ma setghatx tasal wahedha biex tistabilixxi dak li hu mistenni minn tabib f'dan il-kaz fi specjalizzjazzjoni fil-qasam tan-nifs, minghajr ma jkollha l-assistenza ta' nies professjonali kkwalifikati fil-qasam tan-nifs sabiex tasal biex tifhem x'inhi r-responsabbilta' tal-imputati fl-esercizzju tal-professjoni medika taghhom.

Illi r-reat involontarju gie trattat b'mod kopjuz fil-gurisprudenza taghna u l-elementi li jsawru dan ir-reat gew studjati *funditus* fejn gie spjegat il-kuncett tal-kulpa fil-ligi Maltija.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Perit Louis Portelli,** deciza fl-4 ta' Frar 1961, il-kompjant **Imhallef Flores** stqarr:

**"***Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art.239 (illum 225) tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb f'("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju*;

*Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, 11,27, p. 46)";*

Illi l-gurisprudenza zzid ukoll illi ma' dawn l-elementi jrid ikun hemm necessarjament l-element ta' preveddibilita' u cioe' illi l-agent jonqos volontarjament milli jagixxi b'diligenza tant illi b'tali agir ikun prevedibbli (u mhux previst) li jista' isehh l-event dannuz.

Illi **Francesco Antolisei**, fil-ktieb tieghu **Manuale di Diritto Penale, Parte Generale** jghid hekk:

*"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: "La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'.*"

Illi din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Richard Grech** deciza fil-21 ta' Marzu 1996, gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti f'illi wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni pozittiva indiretta.

Illi, kif jispjega **Sir Anthony Mamo** fin-noti tieghu, il-ligi ma taghtix definizzjoni tal-frazijiet "*nuqqas ta' hsieb*", "*traskuragni*" u "*nuqqas ta' hila*" izda "*it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances.*"

Illi minn dina l-gabra ta' dottrina u gurisprudenza, jirrizultaw ghalhekk is-segwenti elementi essenzjali li iridu jissussistu sabiex tinstab htija ghar-reat ta' natura involontarja:

1. azzjoni volontarja negligenti, imprudenti u non-kuranti.
2. ness bejn l-azzjoni jew in-nuqqas taghha u l-event dannuza.
3. l-element tal-prevedibbilita'.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Illi stabbiliti dawn l-elementi legali, kwindi, din il-Qorti trid tara jekk l-imputati:

1. Kienux negligenti, imprudenti u non-kuranti fl-agir taghhom.

2. Jekk dana jirrizulta, jekk kienx hemm ness bejn dana l-agir taghhom u l-event dannuz.
3. Jekk il-hsara kienitx wahda prevedibbli.

Illi kif diga' inghad mill-Qorti sabiex jigi ezaminat l-eghmil tal-imputati u jekk dana kienux negligenti, imprudenti u non kuranti dana jrid necessarjament jigi studjat fl-ambitu tal-errur professjonali. Illi l-ligi taghna ma taghti l-ebda definizzjoni dwar il-grad ta' responsabbilta' li ghandu jigi ezercitat minn tabib fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu. Illi l-gurisprudenza dejjem imxiet mar-regola illi mhux kull zball ta' natura professjonali jaqa' fir-relm tal-kulpa diment dana ma jkunx sehh minhabba negligenza, imprudenza jew non kuranza. Illi fis-sentenza hawn fuq iccitata '**Il-Pulizija vs Louis Portelli'**, il-Qorti Kriminali ghamlet referenza ghal dak stabbilit mill-awtur **Giovanni Cattaneo** fit-tratta tieghu "***La responsabbilta del professionista***" fejn jghid:

*"L'errore professionale … si ha quando la condotta risulti non obiettivamente adatta al caso concreto sebbene il professionista abbia agito diligentemente, facendo quanto gli suggerivano le conoscenza proprie del buon professionista della sua categoria; se poi, verificatosi l'esito negattivo, si scopre che la condotta per ottenere il risultato avrebbe dovuto essere diversa, nulla puo' rimproverarsi al professionista, che non era in grado di rendersene conto preventivamente*."

Ikompli:

"*Cosi' inteso, l'errore professionale e' allora in sostanza un comportamento tecnicamente errato ma non necessariamente colposo, che e' causa del mancato raggiungimento del risultato utile che mira il cliente. Il problema dell'errore professionale viene percio' a coincidere con quello del nesso casuale tra inadempimento e danno. Infatti se il risultato infausto si verifica indipendentemente dal comportamento del professionista, manca il nesso casualita', che e' invece presente in caso di errore colpevole. Se cio' e' vero, il concetto di errore professionale risulta in sostanza inutile, perche' non aggiunge nulla al concetto di casualita' che e' lo stesso per ogni sorta di danno, anche al di fuori della responsabbilita' professionale … Si puo' solo notare che il nesso casuale si presenta sotto diverso aspetto, a seconda che l'esito della attivita' dipenda, oltre che dall'attivita' del professionista, da una serie di fatti naturali oppure da atti volontari di terze persone."*

Illi fis-sentenza iccitata ntqal:

**"***Kunsidrat f'dan l-aspett l-errur professjonali, il-Qorti taghmel taghha, ghall-apprezzament tal-provi l-kliem ta'* ***Cogliolo*** *(Teorie Delle Colpe, Vol. II, p.137:- 'Nelle professioni c'e tutto un campo insindicabile ed inespugnabile, ed e' quello che il diritto inglese chiama errore di giudizio. Il professionista cioe' di fronte ad un caso pratico, valuta le varie circostanze, e si forma un convincimento che poi i fatti successivi mostrano errato; di questo errore nessuno responde, se non e' fondato su evidenti errori di ricerca e di dottrina'***."**

Illi l-**Imhallef Flores** f'din is-sentenza jghallimna illi f'kaz tal-professjonista d-diligenza li dan ghandu jadopera hi dik ta' bniedem ordinarjament kompetenti fil-professjoni tieghu. Jekk jiehu zball fil-professoni tieghu, huwa ma jirrispondix ghad-danni jekk l-izball ma jkunx grossolan u jekk tkun giet minnu adoperata d-diligenza ordinarja li trid il-ligi. Huwa mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali, ammenoche' dana l-izball ma jkunx grossolan u ammenoche' l-htija ma tkunx tista' tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza u attenzjoni ta' missier tajjeb tal-familja.

Fl-istess vena fis-sentenza '**Victor Savona pro.et.noe. vs Dr. Peter Asphar et'** gie deciz:

"*Mid-duttrina u mill-gurisprudenza fuq iccitata ghandu jigi ritenut li t-tabib mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali ammenoche' dana l-izball ma jkunx grossolan, u ammenoche' il-hsara ma tistax tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza, diligenza u attenzjoni ta' 'bonus pater familias'*."

Allura sa fejn tasal ir-responsabbilta' tat-tabib? Iwiegeb hekk il-**Laurent**[1]**:**

*"Non e' possibile determinare in modo generale il limite delle responsabbilita' dei medici. Spetta al magistrato ravvisarle in ciascuno specie, secondo i fatti e le circostanze, che possono infinitamente variare, non perdendo mai di vista* quel principio fondamentale che deve sempre servigli di guida, val dire che per aversi responsabbilta' professionale a d'uopo che taluno abbia commesso colpe non usando le volute vigilanze sopra se' medesimo o sui propri atti, o dando prova di ignoranza imperdonabile nell'esercizio della sua professione; spetta ai tribunali applicare questa massima con discernimento, lasciando alla scienza tutta la latitudine che si deve, ma accordando del pari alla giustizia al diritto tutto quanto loro appartiene**."**

Ukoll l-**Archbold** jishaq:

**"***A physican or surgeon owes a duty to the patient to use diligence, care, knowledge, skill and caution in administering treatment, and the law requires not the highest or a very high standard, but a fair and reasonable standard of care and competence***."**

Illi abbinat ma' dan il-grad ta' responsabbilta', allura huwa hawnhekk illi jaghmel sens l-element tal-prevedibilita' rikjest fid-dritt penali. Dan ghaliex il-professjonista li volontarjament huwa negligenti u mprudenti jista' jasal

[1] Principio di Diritto Civile VolXX para 156 pg.422

jikkaguna hsara li hija prevedibbli bhala konsegwenza tal-azzjonijiet tieghu. U hawnhekk allura jkun hemm in-ness bejn l-azzjoni u l-event dannuz li jista' jwassal ghal htija.

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali in materja, il-Qorti ser tghaddi issa biex tapplika l-istess ghal fatti specie tal-kaz in dizamina.

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan l-incident sfortunat kienu s-segwenti:-

1.

Fl-4 ta' Frar 2005 shab Sagit marru ghand is-suldati jirrapurtaw li huwa rega' kellu attakk qawwi ta' l-azma u din id-darba wara li rah it-tabib tal-poliklinika, ittiehed l-isptar b'ambulanza.

2.

lli l-vittma u cioe' Sagid Israqay Tegwalde kien fi stat ecitat u aggressiv u ma ried lil hadd jinvistah. Dan fil-fatt hu konfermat kemm min nurse li xehdet u cioe' Romina Grech, mill-pulizija PS 121 li kien ghassa mieghu fis-sala kif ukoll mill-imputati odjerni.

3.

Illi Dr Lauri ttentat titkellem mal-pazjent u tezaminah pero' tghid li kien hemm problema ta' lingwa ghaliex il-pazjent ma fehemx il-lingwa Ingliza u in oltre kien ecitat qed idur mal-kamra u f'hin minnhom sahansitra anke pprova jaqla' l-bieb minn mal-hajt u dan hu konfermat ukoll apparti mill-imputata Dr Lauri imma anke mill-pulizija li kien qed jaghmel l-ghassa mieghu.

4.

lli Dr Lauri ghalhekk cemplet lis-Senior taghha u spjegatilha dak li kienet

irriskontrat u cioe' li kellha pazjent ta' *build* kbira, ta' nazzjonalita' Afrikana li ma kienx qed jikkopera maghha u li ma ridiex tezaminah pero' min naha l-ohra qaltilha li kien qed ibati minn attakk ta' azma u possibilment kellu xi tuberkolozi.

5.

irrizulta u mhux kontestat li Dr Debono, is-senior ta' Dr Lauri kienet ippreskriviet lil Dr Lauri sabiex din taghti intravenous 5mg ta' diazepan li huwa forma ta' valium lill-pazjent bil-ghan li tikkalmah u b'hekk tkun f'pozizzjoni ahjar li tikkurah.

6.

r Lauri ma tantx dehret konvinta minn dan it-trattament ghaliex tispjega li f'cirkostanzi bhal dawn u cioe' f'nies li jbaghtu mill-azma mhux rakkomandat li jinghata l-valium pero' f'cirkostanzi bhal dan fejn il-pazjent ikun aggressiv, idur 'l hawn u 'l hinn u li jkun ta' perikolu ghalih u ghal terzi l-unika mod sabiex tikkalmah sabiex tkun tista' tinvistah u taghti t-trattament li jkun hemm bzonn hu li taghtih xi valium u ghalhekk obdiet dak li qalet is-senior taghha u taghtu 5mg valium.

7.

idher li apparti dan il-valium kien qed jinghata nebuliser u xi medicinali ohra.

8.

lli wara ftit taz-zmien Dr Lauri regghet marret sabiex tezamina lill-pazjent u tghid li din id-darba kien ikkalma ftit tant li halliha tezaminalu daru u kkonfermat li kellu *wheezing* ghalkemm tghid li xorta kien ghadu ecitat u ghalhekk regghet ikkomunikat ma' Dr Debono li qaltilha sabiex tippreskrivi l-istess doza ghat-tieni darba u qaltilha li appena jkollha l-hin tinzel tarah.

9.

ija filfatt ghamlet proprju hekk u kompliet b'xoghol iehor.

10.

ara pero' li ftit wara l-pazjent arrestja u minkejja li pprovaw isalvawh bis-CPR dan miet xorta ghall-habta ta' nofsillejl u ghaxra (12.10am).

Illi mill-fatti provati jidher li l-imputati kienu t-tnejn jafu li d-droga diazepan li hija *sedative* ma tistax tinghata liberament f'kazijiet ta' azma peress li tbaxxi l-ossiginu fid-demm pero' spjegaw li kienu jafu dwar dan pero' qalu li din hija kwistjoni relattiva u mhux 'absolute'. Fis-sens li f'certu kundizzjonijiet tista' tinghata u cioe' meta' l-pazjent ikun ecitat hafna u mhux mitluq, meta' jkun f'ambitu ta' kura bhal sptar u meta hemm bzonn li jigi kalmat sabiex jinghatalu trattament iehor. Fil-fatt dan gie konfermat anke minn Dr Josef Micallef li l-kwistjoni jekk tinghatax il-medicinali valium hix tajba jew le, hija kwistjoni relattiva u dan ghaliex fl-ewwel lok irid jigi assessjat is-sitwazzjoni per se. Kif spjega Dr Micallef u mhux kontestat lanqas mill-espert nominat mill-Qorti, it-tabib kellu jaghmel xelta billi jew ihalli l-pazjent fi stat agitat u perikoluz kif kien bla ma jigi nvistat jew addirittura t-tabib jipprova jikkalma l-pazjent bil-ghan li jigi nvistat u kurat ahjar. Spjega li f'kazijiet bhal dan ma hemmx **contra-indications** li ma tistax tigi preskritta medicinali bhal din (sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi din il-Qorti mhix konvinta anke in vista ta' dak li kkonkluda Dr Martin Balzan li effettivament Dr Lauri ppreskriviet id-droga valium lill-pazjent sempliciment ghax giet ordnata biex taghmel dan minn Dr Debono. Huwa veru li ghall-ewwel kellha d-dubji taghha dwar dan pero' fic-cirkostanzi tal-kaz u cioe' minhabba l-agressivita' u r-*restlessness* tal-pazjent hija ma kellha l-ebda triq ohra sabiex tikkalma lill-pazjent bil-ghan li tezaminah fl-ahjar interess tieghu.

Fl-inkjesta t-tobba Dr. Mario Scerri u Profs. Joseph Cacciottolo t-tnejn jghidu li l-medicinali valium ma kellha qatt tigi amministrata lill-pazjent li jkun qed ibaghti minn azma. Din l-asserzjoni pero' hija kontradetta kemm mit-tabib konsulent fin-nifs Dr Josef Micallef, kemm mit-tabib konsulent Profs. Louis Buhagiar taht liema kura kien jinsab il-pazjent li qal li f'cirkostanzi bhal dawk li kienu qed jiffaccjaw l-imputati kienet gustifikata l-ordni li tinghata 5mg valium, kif ukoll mit-tabib espert nominat minn din l-istess Qorti Dr Martin Balzan li t-tnejn jghidu li hemm kazijiet fejn valium jista' jigi moghti lill-pazjenti li jbaghtu minn azma.

In oltre t-tobba fl-inkjesta kkonludew li l-pazjent miet bhal rizultat ta' tehid ta' valium. Bir-rispett kollu din l-asserzjoni wkoll ma ssibx konfort fil-provi prodotti u dan ghaliex kemm mir-rizultat ta' tossikologija ma jirrizultax li kien hemm xi *overdose* tal-valium kif ukoll mir-rizultat ta' l-awtopsja li jghid li l-pazjent miet bhala rizultat ta' *natural causes* u cioe' minhabba "*collapsed lung and intrapulmonary haemorage secondary to bronchial asthma*."

Illi in segwitu ghalhekk jirrizulta li mhux minnu kif ikkonkludew Dr. Mario Scerri u Profs. Joseph Cacciottolo li l-amminstrazzjoni ta' 5 mg i/v Valium ikkontribwixxa serjament ghall-mewt tal-pazjent. It-tobba mputati jghidu li l-medicinali valium hija *short lasting* u l-effett taghha jmur wara hmistax-il minuta u jirizulta li l-pazjent miet xi saghtejn wara li giet amministrata lilu din il-medicinali u mir-rizultati tat-tossikologija ma jirrizultax li kien hemm xi *overdose* ta' dan il-medicinali.

Lanqas ma jirrizutla kif del resto kkonkludew Dr. Mario Scerri u Profs. Joseph Cacciotolo li kien hemm xi *mismanagement* u dan il-fatt huwa konfermat

kemm mill-Professur Louis Buhagiar il-konsulent li tahtu kien ammess il-pazjent, kemm minn Dr Josef Micallef li ezamina l-inkartament kollu ta' dan il-process u pass pass spjega dak li ghamlu l-imputati u kemm fil-fehma tieghu l-istess imputati mxew b'diligenza u kif kien mistenni minnhom fic-cirkotanzi kif ukoll mill-espert nominat minn din il-Qorti Dr Martin Balzan li kkolobora dak li stqarr Dr. Josef Micallef waqt li kien fil-pedana tax-xhieda.

Illi ghalhekk fl-umli fehma ta' dina l-Qorti, kif konfortata bir-rapport imhejji mill-abbli espert nominat minnha sabiex jassistiha tasal ghal gudizzju taghha, tiddikjara li ma jista' qatt jigi stabbilit ness bejn il-kawza tal-mewt ta' Sagid Israqay Tegwalde u t-trattament li ghamlu t-tobba imputati sabiex jittentaw jghinu lill-istess vittma u ghalhekk l-imputati ma jistghux jinsabu hatja ta' dan ir-reat involontarju billi:

1. Il-decizjoni li jippreskrivi l-medicini li effettivament giet moghtija lill-pazjent kienet wahda tajba fic-cirkostanzi tal-kaz in desamina u in oltre ma kienitx il-kawza tal-mewt u lanqas ma kkontribwiet ghal mewt tieghu.

2. Id-diffikultajiet li kkreja l-pazjent lit-tobba sabiex jittentaw jikkurawh ma ghenux lit-tobba meta gew sabiex jezaminawh u jaghmlu l-almu taghhom sabiex jiehdu hsiebu u jaghtuh l-assistenza medika li tant kellu bzonn.

3. L-imputati skond ma jirrizulta mill-espert mediku mxew b'dik id-diligenza li hija mistennija f'kaz bhal dan fit-trattament ta' persuna li tbati minn azma severa u li tkun aggressiva fl-agir taghha.

4. Ma kien hemm l-ebda ness dirett bejn it-trattament li nghata l-pazjent u l-mewt tal-pazjent li miet bhala rizultat ta' *natural causes* namely *collapsed lung and intrapulmonary haemorrhage secondary to bronchial asthma*."

5. Finalment ghalhekk jinghad bla tlaqliq li l-pazjent miet bhala rizultat ta' kawza naturali u mhux minhabba xi att ta' kommissjoni jew ommissjoni ta' negligenza jew traskuragni da parti tal-imputati.

L-imputati fic-cirkostanzi ferm sfortunati ta' dan il-kaz ghamlu dak kollu li kien fis-setgha taghhom biex isalvaw il-hajja ta' dan il-bniedem u ghalhekk l-elementi mehtiega ghal sejbien ta' htija ghar-reat tal-omicidju involontarju certament ma jistghux jissussistu f'dan il-kaz.

Il-Qorti ser taghlaq il-gudizzju taghha fuq dan il-kaz b'referenza ghal dak li qal **Lord Denning** fis-sentenza **<u>Hucks vs Cole</u>** (deciza 1968) billi l-kliem tieghu jirrispekkja perfettament il-hsibijiet li kellha din il-Qorti tul dana l-*iter* processwali:

*"A charge of professional negligence against a medical man was serious. It stood on a different footing to a charge of negligence against the driver of a motor car. The consequences were far more serious. It affected his professional status and reputation. The burden of proof was correspondingly greater. As the charge was so grave, so should the proof be clear. With the best will in the world, things sometimes went amiss in surgical operations or medical treatment. A doctor was not liable for mischance or misadventure, or for an error of judgment. He was not liable for taking one choice out of two or of favouring one school rather than another. He was liable when he fell below the*

*standard of a reasonably competent practitioner in his field so much so that his conduct might be deserving of censure or inexcusable***.***"*

**Ghaldaqstant wara li rat l-artikolu tal-ligi u cioe' l-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputati DR ELAINE DESIRA u DR RITIENNE DEBONO hatja tal-akkuza u tilliberahom minn kull imputazzjoni u piena.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tapplika l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha stante d-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' htija fil-konfront ta' l- imputati.**

**Din il-Qorti qieghda wkoll tirrevoka *contrario imperio* d-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta ta' nhar it-13 ta' Novembru 2009 fejn kienet ordnat id-divjet fil-pubblikazzjoni ta' isem l-imputati.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------